# F'POSTI

jiena xaqq bejn blajjet imbaqqna
il-grass bejn is-samrotti li bija jżomm kollox
jekk nagħżel li noqgħod f'posti...
jiena l-ħolm skolpit fl-irħam ta' destin klandestin;
l-id il-kirurgu nervuż jislet tessut miġruħ, mixquq
   b'nofs qalb u rieda ipoplasika u fjakka...

**jiena**

jiena d-demm-dlam niġri fl-arterji ta' rdum li djieq
indammem il-fdal imfarrak ta' ħajti
nibki s-sema kiebi li darba żrieq,
u li issa blieq f'għamieq ta' diq...

**xaqq**

jiena x-xaqq li minkejja li mgħerreq fl-irdum
bl-għeruq iserrpu u jberrnu l-blat kuljum;
jiena l-qsim li jorbot, jirfed kollox,
fissuri-ħbula li jgħinuk tqum...

**f'nisġa**

jiena xaqq wieħed biss f'nassa tax-xaqq
nillixka, nissajja għal vopa tħuf f'qiegħ ta' baħar iddisprat;
noffri kenn lill-ġenn intamat
ta' min ma jridx jaf bis-sewwa u l-ħaqq...

**surreali**

Jien tabilħaqq xaqq f'nisġa xaqqijiet
wieħed fost folla-mijiet
l'għadni nemmen fil-ħmerijiet
ta' min joħlom li jiddeponi r-rejiet...
jien xaqq f'stabbilment imxaqqaq,
il-grass bejn is-samrotti
li jorbot il-ħnejja tal-ġmiegħi korrotti
   jekk nagħżel li noqgħod f'posti...

**jiena**

**JESMOND SHARPLES**